MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru. 71/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Milo)**

**Vs**

**Sarah Attweger ta' 22 sena, bint Ali Omar u Gloria nee` Pisani, imwielda Pieta nhar il-15 ta' Lulju, 1992, residenti 9, Highrise Flat 3, Triq Victor Denaro, Imsida u detentur tal-karta tal-identita numru 347092(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli:

1. Fis-17 ta' Jannar 2011 ghal habta ta' nofsinhar gewwa 9, Highrise, Flat 3, Triq Victor Denaro, Imsida, permezz ta' strument li jaqta u bil-[ponta, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Khan Zeeshan persuna li

hija membru domestiku, kif iccertifikat minn Dr. Geoffrey Bonnici numru tar-registrazzjoni 3214 gewwa l-Isptar Mater Dei, liema feriti jiehdu aktar minn tletin gurnata biex ifiequ u u jistghu jgibu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-istess Khan Zeeshan.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li hija kienet qed taghmel delitt kontra persuina jew id-delitt ta' serq jew hsara lil propjeta, kellha fuq il-persuna taghha xi arma tan-nar, arma regolari, arma irregolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi kien hemm argument familjari bejn l-imputata u zewgha. L-unici zewg persuni presenti ghal dan l-incident kienu l-imputata u zewgha, il-parte civile f'din il-kawza, Khan Zeeshan li ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u dan sabiex ma jinkriminax ruhu billi hemm proceduri pendenti fil-konfront tieghu fuq dan l-istess incident.

Illi s-surgent li investigat dan il-kaz u cioe WPS325 ma kienitx presenti ghal dan l-incident u hadet biss il-verzjoni tal-partijiet kif hemm irrapurtat fir-rapport taghha.

Illi l-uinika prova li fadal ghalhekk hija l-istqarrija tal-imputata minn fejn jirrizulta illi hija kienet qed tissubixxi vjolenza minn zewgha fil-konfront taghha u qabdet sikkina f'idha sabiex tiddefendi ruhha. Il-griehi li sofra l-parte leza kienu konsegwenza tal-fatt illi huwa qabad is-sikkina mix-xafra u gibidha minn id l-imputata sabiex jipprova

jehodielha. Kwindi il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputata ma ikkagunat l-ebda griehi fuq zewgha billi hija fl-ebda hin ma uriet l-intenzjoni pozittiva u diretta u generali biex taghmel hsara lil zewgha izda minn dak li tghid fl-istqarrija taghha s-sikkina qabditha sabiex tbezzghu u biex tiddefendi ruhha mill-aggressjoni tieghu. Din hija l-unika prova li hemm fl-atti.

Illi dwar l-akkuza ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta s-sikkina qatt ma giet esebita mill-prosekuzzjoni u kwindi fin-nuqqas ta' prova dwar l-istess l-imputataser tigi illiberata ukoll minn din l-akkuza.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak premess hawn fuq l-imputata qed tigi illiberata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------